# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju, 2023

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 70/2022 ISB**

**L-Avukat Jeannine Giglio (K.I. Numru 585474M) bħala mandatarju speċjali ta' Bettina Schoeller (Numru tal-Passaport 3564399) in forza tal-annessa prokura Dok 'A'**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Bettina Schoelle**, intavolat fid-9 ta' Ġunju 2022, li permezz tiegħu hija talbet lil-Qorti sabiex :-

i. *Jerġa' idaħħal l-isem tal-Kumpanija fir-Reġistru tal-Kumpaniji biex b'hekk il-Kumpanija titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u*

ii. *Jagħmel dawk il-publikazzjonijiet kollha meħtieġa skond il-Liġi għal tali inserzjoni fir-Reġistru tal-Kumpaniji.*

U dan wara li ppermettiet:

*Illi r-rikorrent Bettina Schoeller hija inter alia azzjonista tas-socjeta` Admore Holding Limited, bin-Numru ta' Registrazzjoni C 38994, irregistrata fl-indirizz 40/2 Beaumont Place, Main Street, Balzan, Malta u li ġiet ikkostitwita fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju fl-elfejn u sitta (2006), hekk kif muri fl-Memorandum and Articles of Association hawn anness u mmarkat bħala Dok 'B';*

*Illi fis-sbatax (17) ta' Gunju fis-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) is-socjeta ġiet imħassra mir-Registru tal-Kumpanniji a tenur tal-Art. 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 Ligijiet ta Malta) kif jidher fid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok 'C';*

*Illi ir-rikorrent saret taf b`dan l-iżvilupp riċentement permezz tal-website miżmuma mir-Reġistratur kif jidher fid-DoK 'C' hawn fuq indikat.*

*Illi r-rikorrent kienet tat instruzzjoniet lil Service Provider tal-kumpaniji Admore Holding Ltd kif ukoll lill-impriża sussdjaraja Admore Limited C 39637 sabiex dawn jibdew il-proċeduri ta' xxoljiment sabiex konsegwentement jkunu stralċjati volontarjament.*

*Illi fil-fatt Admore Limited C 39637 kienet giet stralċjata volontarjament kif jidher fid-Dok 'D' fil-21 ta' Awissu 2017. Illi r-rikorrent kienet taħt l-impressjoni li ż-żewġ kumpaniji kienu effittivament ġew stralċjati għaliex ma kienitx infurmata mod ieħor mis-service provider li kien jieħu ħsieb il-kumpaniji f'dak il-perjodu.*

*Illi r-rikorrent fil-frattemp, nehdiet proċess ta' regolarizzazzjoni biex il-Kumpanija terġa' tiġi ċċertifikata ta' prattika tajba; fost l-oħrajn, l-aġġornamenti meħtieġa fiż-żamma tal-kotba tal-Kumpanija. Dan il-proċess kien se jwassal kemm biex il-Kumpanija ttejjeb il-kontabilità tagħha, kif ukoll biex tikkonforma mar-rekwiżiti statutorji. (Hawn annessa u immarkata bħala Dok. E vera kopja ta' dikjarazzjoni li għamel l-accountant Paul Giglio fil-konfront tal-Kumpanija.)*

*Illi, aktar minn hekk, ir-rikorrent qiegħda tikkommetti ruħha li tagħlaq il-pendenzi kollha mal-intimat fil-mori ta' dawn il-proċeduri.*

*Illi, ir-rikorrent ħasset ruħha aggravat bil-fatt li l-isem tal-Kumpanija tħassar minn fuq ir-Reġistru u għandha kull interess li l-isem tal-Kumpanija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru.*

*Illi, jekk l-isem tal-Kumpanija ma jerġax jitqiegħed fuq ir-Reġistru, ir-rikorrent sejra isofri danni rreparabbli, billi l-attiv tal-Kumpanija sejjer jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta, u dan bi preġudizzju għad-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrent.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 28)

Rat **id-digriet** tagħha tal-4 ta' Lulju 2022 minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2022 fl-10:00 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi fit-30 t'Awwissu 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 31) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija surreferita fir-rikors promotur, Admore Holding Limited (C 38994) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"), fit-23 ta' Ġunju 2006;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha, bi ksur tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, kif ukoll kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji, tant illi l-aħħar kont annwali sottomess kien dak tas-sena 2010, filwaqt li l-aħħar prospett annwali kien dak tas-sena 2014;*

*Illi l-istess kumpanija kienet ilha wkoll numru ta' snin mingħajr ebda segretarju tal-kumpanija, tant illi l-aħħar tibdil ta' dan l-uffiċjal sar fis-sena 2016, meta r-Reġistratur ġie notifikat illi kien hemm ir-riżenja tal-istess segretarju tal-kumpanija, liema pożizzjoni baqgħet vakanti sakemm il-kumpanija damet fuq ir-Reġistru, bi ksur tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi tali nuqqasijiet kienu raġunijiet biżżejjed sabiex l-esponenti Reġistratur tipproċedi skont il-poteri mogħtija lilha taħt ir-*

*Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija biex tavża illi l-kumpanija kienet għadha qatt ma ssottomettiet l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha;*

*Illi r-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tagħha li hu Admore Holding Limited, 40/2 Beaumont Place, Main Street, Balzan u kif ukoll lill-unika direttur tagħha fuq l-indirizz AM Langedelwehr, 30/II/16 Graz A 8010, Austria, datati t-8 ta' Frar 2021 (annessi u mmarkati bħala* ***Dok. 'A'****, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur);*

*Illi f'din l-ittral-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont ir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar u tweġiba għall-avviż fi zmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fis-17 ta' Marzu 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi ta' min jiġi rrimarkat kif is-soċjeta' surreferita Admore Holding Limited jew xi uffiċjal tagħha qatt ma oġġezzjonaw għal tali proċess matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mir-Reġistratur għal-ġid ta' kull min seta qatt kellu interess jagħmel dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur baqa' qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fis-17 ta' Ġunju 2021, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq*

*website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi jrid jiġi nnotat ukoll kif is-soċjeta' Austro Consulting Ltd. (C 62910) hija wkoll soċjeta' azzjonista tal-istess Admore Holding Limited, li madanakollu ġiet imħassra minn fuq ir-Reġistru nhar id-19 ta' Mejju 2021 (annessi u mmarkati bħala* ***Dok. 'B'****, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) għall-istess raġuniijiet li bihom ġiet imħassra Admore Holding Limited, u ċioe illi naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat informazzjoni dwar is-sidien beneficċjari tagħha lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, ai termini tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations;*

*Illi r-rikorrent, bħala azzjonista u direttur tas-soċjeta' Admore Holding Limited, injorat ukoll il-multi illi jfakkru f'tali nuqqas u qatt ma ġew affettwati l-pagamenti tal-multi. Tant hu hekk illi l-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali għar-rigward tas-soċjeta' Admore Holding Limited jammontaw għal EUR 980 u filwaqt li għar-rigward tas-soċjeta' azzjonista Austro Consulting Ltd. jammontaw għal EUR 840 ; illi l-penali fuq nuqqas ta' reġistrar ta' dawn il-prospetti u kif ukoll tal-informazzjoni dwar is-sidien beneficċjarji u tal-kontijiet annwali jammontaw għal EUR 15,037 għar-rigward tas-soċjeta' Admore Holding Limited u EUR 14,481 għar-rigward tas-soċjeta' azzjonista Austro Consulting Ltd., biex b'hekk l-ammont totali dovut a kreditu tar-Reġistratur jammonta għal* ***EUR 31,338*** *sad-data tar-rikors promotur;*

*Illi l-kumpaniji konċernati jibqgħu jinkorru dawk il-penali li jirriżultaw mil-liġi sakemm tali dokumentazzjoni u informazzjoni neċessarja tiġi ssottomessa lir-Reġistratur;*

*Illi fir-rigward tal-penali, is-subregolament 6 tal-istess regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' ta' kull uffiċjal u membru tal-kumpanija għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi apparti minn dan, il-kumpanija Admore Holding Limited ma tistax terġa tiġi mdaħħla fuq ir-Reġistru skont l-artikolu 325(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji kif speċifikat fir-rikors promotur, imma skont ir-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations għaliex taħt dan ir-regolament ġiet mħassra tali kumpanija;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija Admore Holding Limited, u konsegwentament is-soċjeta' azzjonista tagħha Austro Consulting Ltd., jerġgħu jitpoġġew fuq ir-Reġistru, tali kumpaniji għandhom jissottomettu d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħda umilment jissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpaniji in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti qiegħda umilment tissolleva illi hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provvediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ, filwaqt illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit li m'humiex in regola mal-Att jew liġijiet sussidjarja tagħha.*

Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Bettina Schoeller** bid-dokumenti annessi u maħluf fl-24 ta' Ottubru 2022 (fol 67 sa fol 123).

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2023, dehret ir-rikorrent nomine u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpanniji.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Marzu 2023, minn fejn jirriżulta illi l-partijiet iddikjaraw li l-pendenzi kollha tas-soċjeta' **Admore Holding Limited** kienu ġew riżolti u bi qbil bejniethom, il-kawża setgħet titħalla għad-deċiżjoni u għalhekk il-kawża ġiet differita għall-udjenza ta' llum għall-provvediment finali.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-**Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19**, u li permezz tagħha, r-rikorrenti, li hija azzjonista tal-kumpanija **Admore Holding Limited (C 38994)**, qed titlob ir-rivvavviment tal-istess kumpanija, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fis-17 ta' Ġunju 2021.

Illi, f'dan il-kuntest, is-soċjeta' rikorrenti għandha kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante x-xewqa tal-istess rikorrenti li l-Kumpanija terġa' tiġi ċċertifikata ta' prattika tajba, wara li tniegħda proċess ta' regolarizzazzjoni.

Illi r-rikorrenti iddikjarat mill-bidu, sa mir-rikors promotur, illi hija kienet lesta li tieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Admore Holding Limited u filfatt iddikjarat li lesta tieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tkun f'posizzjoni li tirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.

Illi fl-affidavit tagħha **Bettina Schoeller** tgħid li apparti l-irwoli li għandha f'Admore Holding Ltd (C38994), kien ukoll azzjonista f'Admore Limited (C 39637), li hija l-unika sussidjarja tal-kumpanija *de quo.*

Tispjega li minħabba l-inesperjenza tagħha f'dan ir-rigward, kienet ikkonsultat espert tat-Taxxa Awstrijak, Mr Peter Rosenzopf, li kien assistija sabiex twaqqfu iż-żewġ kumpaniji. Tgħid li s-Sur Rosenzopf dejjem iddeskriva ruħu bħala espert sabiex jistabilixxi l-kumpaniji f'Malta u hu nnifsu kien azzjonist tas-soċjeta' Austro Consulting Ltd (C62910) liema kumpanija kienet azzjonista ta' diversi kumpaniji oħra ma' sieħba oħra fl-Awstrja. Tgħid li din il-kumpanija qatt ma kellha ishma fil-kumpanija *de quo* u l-istess Mr Rosenzopf kien jipprovdi s-servizzi ta' segretarju fil-kumpanija *de quo.*

Tispjega li minħabba li naqas ix-xogħol u li ma baqatx mas-sieħeb tagħha fin-negozju, Roland Golles, li kien ukoll azzjonist tal-istess kumpaniji, iż-żewġ kumpaniji kien ilhom mhux operattivi sa' mill-2011. Tgħid li fil-bidu tal-2011

kienet tat struzzjonijiet lil Peter Rosenzopf sabiex ixolji *ż-żewġ* kumpaniji. Tispjega li Admore Limited ġiet xjolta u mneħħija mir-reġistru fil-21 t'Awwissu 2017 u hi baqgħet f'kuntatt ma' Rosenzopf sabiex tkun taf fhiex waslu x-xoljimenti.

Tgħid li madwar l-2012 jew l-2013, l-awtoritajiet tat-taxxa fl-Awstrija bdew jagħmlu skrutinju tal-*business venture* taċ-ċittidani Awtrijaki f'Malta u kienu ħafna, inkluż ir-rikorrenti li kienu soġġetti għal investigazzjonijiet li damu snin. Tgħid li b'riżultat tal-pressjoni li saret, kif ukoll ghal ragunijiet personali, ġiet iċċertikatha b'dipressjoni u b'tendenzi suwiċidjali.

Tispjega li f'ċertu punt l-awtoritajiet Awtrijaċi waqfu jistaqsu dwar il-kumpanija *de quo* u kien assumiet li kienet ġiet xjolta. Tgħid li fl-2015, Peter Rosenzopf miet u s-suċċessur tiegħu Peter Muhlbacher, għalkemm mitlub, baqa' ma tahiex rendikont ta' x'kien ġara mill-kumpanniji.

Tgħid li ma kienet rċiviet l-ebda komunikazzjoni mill-MBR lanqas, minkejja li l-posta ta' fejn kienet reġistrata li tabita kienet tinġabar b'mod regolari.

Tispjega li f'Mejju 2021, kienet saret taf li kien hemm min kellu jħallas xi multi minħabba li ma kienx mantna tajjeb kumpanija f'Malta. Tispjega li f'dak iż-żmien ikkuntatjat esperti tat-taxxa fl-Awstrija Rabel & Partner sabiex jivverifikaw li l-kumpaniji tagħha kienu ġew xjolti u stralċjati.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat informazzjoni dwar is-sidien benfiċċjarji tagħha ai termini tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations*, kif ukoll il-kumpanija sfat mingħajr segretarja sa mill-2016.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-**Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations*** [1] , Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 tal-Ligijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:

> *(4) If any member or creditor of the company, or any other person who appears to the Court to have an interest feels aggrieved by the*

[1] Ippublikat bl-Ingliż biss

> *fact that the name of the company has been struck off the register by virtue of the provisions of this regulation, the Court on an application made by the member or creditor or such other person before the expiration of five years from the publication of the notice of the striking off provided for in sub-regulations (2) and (3) may, if satisfied that it is proper that the name of the company be restored to the register, order that such name be restored to the register, and up on an official copy of the order being delivered by the Registrar of the Courts to the Registrar for registration, the company shall be deemed to have continued in existence as if its name had not been struck off; and the Court may by its order give such directions and make such provisions as seem fit for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name of the company had not been struck off. The Registrar shall forthwith proceed to publish a notice in the Gazette or on a website maintained by the Registrar and in a daily newspaper circulating wholly or mainly in Malta that the name of the company has been restored to the register.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpanija Admore Holding Limited (C 38994) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti pero`, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilita' li kellha r-rikorrenti illi tirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, is-soċjeta' rikorrenti żammet kelmitha u l-promessa magħmula mill-istess soċjeta' rikorrenti inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha fir-rigward tal-Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations* kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment llum.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* liġi sussidjarja 386.19, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Admore Holding Limited (C 38994)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Admore Holding Limited (C 38994)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Admore Holding Limited (C 38994)** fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**